MALTA RESOURCES AUTHORITY

MRA/PR 09/06

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

IL-FUEL SURCHARGE FUQ L-ELETTRIKU

Kif tħabbar f'Novembru 2005 ir-reviżjoni tar-rata tal-*fuel surcharge* fuq il-konsum ta' l-elettriku pprovdut mill-Enemalta tinħadem fuq il-prezz li l-Enemalta tkun ħallset għall-aħħar kunsinnji tal-prodotti meta dawn jiġu importati minn barra l-pajjiż. Dan il-prezz jiddependi kemm mill-prezz taż-żejt fis-swieq internazzjonali kif ukoll mir-rata tal-kambju bejn id-Dollaru Amerikan u l-Lira Maltija.

Mill-aħħar reviżjoni li saret fl-aħħar ta' Awissu il-prezzijiet internazzjonali taż-żjut li jintużaw għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku mxew kif ġej matul Settembru – Ottubru 2006:





L-Enemalta tuża l-Fuel Oil għal madwar 90% mill-bżonnijiet tagħha u l-Gas Oil għal madwar 10%.

Bir-rata tal-prezzijiet tal-lum, u fuq il-bażi tal-konsum ta' l-elettriku f'Settembru – Ottubru 2006, hu stmat li l-fuel *surcharge* li għandha tinġabar din is-sena hi ta' Lm36,158,459. Fuq din il-bażi, u mingħajr sussidju tal-Gvern, is-*surcharge* tlaħħaq l-74.23%

F'Ottubru 2005 il-Gvern kien introduċa sussidju tranżitorju ta' 29% tnaqqis mis-*surcharge* biex ittaffi l-impatt ta' l-introduzzjoni tas-*surcharge* liema sussidju kellu jitnaqqas kull xahrejn b'rata ta' 2.42% wara li jiġi wkoll ikkunsidrat il-prezz taż-żejt li tkun qed tħallas l-Enemalta.

Għalhekk, wara li kkunsidrat iċ-ċaqlieq fil-prezz taż-żejt fis-swieq internazzjonali f'dawn l-aħħar xahrejn l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi qed tippublika din il-bidla fis-*surcharge* għall-perjodu Novembru – Diċembru, 2006.

Perijodu	Surcharge
Settembru - Ottubru	63.50%
Novembru - Diċembru	59.50%

31.10.2006